**Introduzzjoni**

Din is-sezzjoni tas-sit elettroniku fiha r-rati ta' referenza tal-BĊE li jiġu ppubblikati kuljum, normalment fis-2.15pm, kif ukoll ir-rati tal-kambju *middle* indikattivi għal xi muniti oħra, inklużi d-deheb u l-fidda, li mhumiex ikkwotati mill-BĊE iżda li l-Bank Ċentrali ta' Malta jippubblika kuljum għall-benefiċċju tal-komunità kummerċjali Maltija.

Din is-sezzjoni fiha wkoll ir-rati medji tal-kambju kif ukoll arkivju ta' rati tal-kambju barranin u dawk medji. Għall-konvenjenza ta' dawk li jixtiequ jużaw l-istatistika minn Jannar 1990 sa Diċembru 2007 għal tqabbil jew aggregazzjoni trans-konfini, il-Bank Ċentrali ta' Malta jippubblika rati tas-suq tal-kambju Lm/euro ta' tmiem il-perijodu, dawk medji ta' kull xahar u dawk annwali minn Jannar 1999 (meta nħoloq l-euro), u rati Lm/ECU minflok ir-rati Lm/euro għal dawk il-perijodi meta l-euro kien għadu ma nħoloqx.